# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 25 ta' Frar, 2021.**

**Numru 4**

**Rikors numru 70/18/1 JRM**

**Patrick Ciantar u Maria Felice Sant Cassia**
**f'isimhom proprju u bħala kuraturi *ad litem* ta' Henry Ciantar**

**v.**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-Avukat Ġenerali,**
**illum magħruf bħala l-Avukat tal-Istat**

1. Dan huwa appell tar-rikorrenti minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tad-29 ta' Ottubru 2020 li biha ġie deċiż li bil-fatt li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku rrifjuta li jirreġistra lil binhom esklussivament b'kunjom l-omm, ma jwassalx għall-ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom.

2. Il-proċeduri żviluppaw hekk:

2.1. Permezz ta' rikors preżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-22 ta' Ġunju 2018, ir-rikorrenti ppremettew u talbu s-segwenti:

*'1. Illi l-esponenti żżewġu nhar is-16 ta' Ottubru 2016, u l-esponent Maria Felice Sant Cassis żammet kunjom xbubitha, skont il-liġi. Minn dan iż-żwieġ twieled il-minuri Henry Ciantar nhar it-22 ta' Frar 2018;*

*"2. Illi bi qbil bejniethom huma riedu li l-minuri Henry jieħu kunjom ta' ommu, Maria Felice Sant Cassia u cjoe għandu jitniżżel fuq l-att tat-twelid l-isem 'Henry Felice Sant Cassia';*

*"3. Illi meta l-esponenti marru l-ewwel darba biex jirreġistraw il-minuri, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ma aċċettax illi l-minuri jiġi reġistrat fuq kunjom l-omml-esponenti stante illi l-liġi tippermetti biss illi wild li huma mnissla minn żwieġ li seħħ qabel Settembru 2017 jieħdu awtomatikament kunjom l-missier u jista' jiżdied kunjom l-omm f' każ li hija tkun żammet kunjomha xebba; ill għalhekk fil-11 ta' April 2018 l-esponenti ppreżentaw protest ġudizzjarju kontra l-intimati fejn inter alia talbuhom jirtiraw d-deċiżjoni tagħhom; illi sussegwentement b' kontro-protest ġudizzjarju l-intimati irrifjutaw it-talba; illi nhar l-20 ta' April 2018 l-esponenti irrepistraw it-twelid, u ċ-ċertifikat ta' twelid inħareġ bil-kunjom tal-missier, nonostante l-protest ġudizzjarju u kontra x-xewqa tal-esponenti (Dok A).*

*"4. Illif l-umli fehma tal-esponenti dan jikkostitwixxi trattament diskriminatorju fil-konfront tagħhom u dan għar-raġunijiet segwenti:-*

*" a. Illi l-liġi qed tmur kontra l-għażla u x-xewqa tagħhom li huma qua ġenituri jħossu li huwa fl-aħjar interess tagħhom bħala familja;*
*" b. Illi l-liġi fiha nnifisha hija diskriminatorja a bażi ta' trattament mhux ugwali bejn is-sessi*

*"5. Illi wkoll, u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-istess trattament mill-intimati, jew min minnhom, fil-konfront tal-esponenti jikkostitwixxi ndħil illeċitu fil-ħajja privata tal-esponenti u tal-familja tagħhom, u ċertament mhuwiex tali li huwa neċessajru f'soċjetà demokratika u għall-interess pubbliku;*

*"6. Illi fil-kumpless ta' dawn iċ-ċirkostanzi għandu jirriżulta ksur lampanti tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti hekk kontemplati fl-Artikoli 32 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 8 u 14 tal-*

*Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 5 tas-Seba' Protokol tal-istess Konvenzjoni Ewropea.*

*"Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett sabiex dina l-Onorabbli QOrti jogħġobha:*

*"1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-liġijiet viġenti, senjatament l-artikolu 4 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta), hu inkonsistenti mad-dritt fundamentali tar-rikorrenti taħt l-Artikoli 32 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 5 tas-Seba' Prtotokol tal-istess Konvenzjoni Ewropea;*

*"2. Konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi illi ġew vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti taħt l-istess artikoli 32 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, u l-Artikolu 5 tas-Seba' Prtotokol tal-istess Konvenzjoni Ewropea;*

*"3. Tagħti dawk ir-rimedji u direttivi opportuni sabiex id-drittijiet tal-esponenti jiġu salvagwardjati fis-sens premess, inkluż il-korrezzjoni opportuna u retroattiva tal-Att tat-Twelid, kif ukoll ordni li l-fatt li l-kunjom ikun ġie korreġut ma jissemmiex f' Estratti future tal-Att tat-Twelid.*

*"Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa nġunti in subizzjoni'*

2.2. L-intimati ppreżentaw it-tweġiba fis-6 ta' Lulju, 2018 permezz ta' liema spjegaw li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda minħabba li: (i) l-Artikolu 32 u 46(1) tal-Kostituzzjoni ma japplikax billi mhux fost dawk l-artikoli li jagħti jedd ta' azzjoni quddiem Qorti b'setgħat kostituzzjonali; (ii) l-Artikolu 4(3) tal-Kodiċi Ċivili ma joħloq ebda diskriminazzjoni bejn ulied ta' persuni li żżewġu qabel id-dħul tal-emendi tal-Att XXIII tal-2017, għaldaqstant ir-rikorrenti ma jistgħux isemmu favur tagħhom l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni; (iii) id-dħul fis-seħħ ta' l-Att XXIII tal-2017 fih innifsu ma jagħti lok għal ebda għemil diskriminatorju bejn il-persuni regolati bil-liġi li kienet tgħodd għalihom qabel meta mqabbla ma' dawk li ntlaqtu

b'mod dirett bil-liġi l-ġdida, għaldaqstant l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni għal darb'oħra ma jgħoddux fil-konfront tar-rikorrenti; (iv) il-fatt li bin ir-rikorrenti ma jistax juża l-kunjom biss tal-omm ma jwassalx għal indħil fil-ħajja privata ta' ħajjiet ir-rikorrenti u għaldaqstant ma hemm ebda ksur ta' jedd taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni; (v) fi kwalunkwe każ, l-iStat għandu setgħa wiesa' dwar kif għandu jirregola ċ-ċittadini tiegħu, dan ukoll mhux inkompatibbli mal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea; u (vi) l-Artikolu 5 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni ma jgħoddx għal materja bħalma huma kunjomijiet u atti ċivili billi tali materja hija ta' bixra pubblika u amministrattiva;

2.3. B'sentenza mogħtija fid-29 ta' Ottubru 2020 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) ddeċidiet il-każ billi ċaħdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontrihom.

3. Permezz ta' rikors ippreżentat fis-17 ta' Novembru 2020 ir-rikorrenti appellaw mis-sentenza u ilmentaw li ġew miċħuda t-talbiet in kwantu dawn kienu jirreferu għall-Artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-ebda aggravju speċifiku ma sar minn dawk il-partijiet tas-sentenza appellata li caħdu t-talbiet tar-rikorrenti b'riferenza għall-Artikoli 32 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 5 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni.

4. Permezz ta’ risposta ppreżentata fit-23 ta’ Novembru 2020 l-appellati taw ir-raġunijiet għalfejn fil-fehma tagħhom din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

Konsiderazzjonijiet

5. Il-fatti rilevanti huma s-segwenti:

5.1. Ir-rikorrenti żżewġu fis-16 ta’ Ottubru 2016;

5.2. Miż-żwieġ twieled tifel fit-22 ta’ Frar 2018;

5.3. Meta r-rikorrenti marru jirreġistraw il-minuri, talbu li jirreġistraw lil binhom b’kunjom l-omm biss. L-appellat ċaħad it-talba. Dak iż-żmien il-liġi kienet tippermetti biss illi ulied imnissla minn żwieġ li seħħ qabel l-1 ta’ Settembru 2017 jieħdu kunjom il-missier u kien hemm l-għażla li miegħu jżidu kunjom l-omm f’każ li hija tkun żammet kunjom xbubitha;

5.4. Fil-11 ta’ April 2018 ir-rikorrenti ppreżentaw protest ġudizzjarju kontra l-intimati permezz ta’ liema talbuhom jirtiraw l-oġġezzjoni tagħhom,[1] liema talba ġiet miċħuda;

[1] Fol. 30.

5.5. Fl-20 ta' April 2018, il-minuri ġie reġistrat bil-kunjom Ciantar.[2]

5.6. Fit-22 ta' Ġunju 2018 ir-rikorrenti ppreżentaw il-kawża, fejn talbu bħala rimedju li jkun hemm korrezzjoni tal-att tat-twelid tat-tifel.

6. Permezz tal-ewwel aggravju r-rikorrenti jilmentaw minn dik il-parti tas-sentenza appellata li ċaħdet l-ilment bażat fuq l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Isostnu li l-ewwel Qorti skartat għal kollox il-fatt li l-ilment sar f'isimhom u mhux biss f'isem il-minuri u li fl-ebda waqt ma kkonsidrat l-ilment tagħhom fl-isfond tal-allegat indħil fuq il-ħajja personali tagħhom. Filwaqt li jirreferu għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, jisħqu illi ma jaqblux mar-raġunament tal-ewwel Qorti għaliex: (i) riedu jagħtu lil binhom kunjom l-omm biss; (ii) il-kawża tirrigwarda ukoll l-għażla tagħhom bħala ġenituri li jagħtu dawk il-valuri li huma jridu jħaddnu bħala familja u mhux biss l-impatt tal-kunjom patern fuq binhom; (iii) il-liġi applikabbli timpinġi fuq il-ħajja privata tagħhom; (iv) is-soċjetà Maltija rrikonoxxiet, permezz tal-emendi ntrodotti bl-Att XIII tal-2017, li għandha tkun il-koppja li tagħżel il-kunjom tal-familja tagħha; u illi (v) il-politika li għażel l-Istat Malti ma tinkwadrax ruħha fil-limitazzjonijiet għad-dritt għall-privatezza u l-familja li jissemmew fl-Artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni.

[2] Fol. 29.

7. Bl-Att XXIII tal-2017, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Awissu 2017, koppji li żżewġu wara l-1 ta' Settembru 2017 ingħataw il-jedd li fiż-żwieġ jagħżlu li: (i) jieħdu, għat-tnejn li huma, kunjom ta' wieħed mill-partijiet fiż-żwieġ; jew (ii) jieħdu, għat-tnejn li huma, il-kunjomijiet taż-żewġ partijiet fiż-żwieġ fl-ordni li jagħżlu; jew (iii) iżommu kunjomhom. Waħda minn dawn it-tliet għażliet kellu jkun il-kunjom tal-familja, u tfal li jitwieldu jieħdu dak il-kunjom.

8. Fil-mori ta' dan l-appell, bis-saħħa tal-emendi ntrodotti bl-Att LXV tal-2020, il-liġi nbidlet. Illum l-Artikolu 4 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi kif ġej:

> *'(8) It-tfal li twieldu ġewwa Malta qabel il-bidu fis-seħħ tal-Att tal-2020 li jemenda l-Kodiċi Ċivili u Diversi Liġijiet Oħra, u li dwarhom ma jkunx diġà ntagħżel isem tal-familja fl-Att taż-Żwieġ, jistgħu jieħdu l-kunjom ta' wieħed mill-ġenituri tagħhom, jew il-kunjomijiet taż-żewġ ġenituri, fl-ordni tal-għażla tagħhom, hekk iżda li għandhom jissottomettu lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku l-Formula TT inkorporata fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan il-Kodiċi. Din id-dikjarazzjoni magħmula permezz tal-Formula TT tkun irrevokabbli:*
>
> *"Iżda meta t-tfal ikunu taħt l-età ta' tmintax-il sena, id-dikjarazzjoni magħmula permezz tal-Formula TT għandha ssir miż-żewġ ġenituri, jew minn wieħed jew waħda mill-ġenituri jekk il-ġenitur l-ieħor ikun mejjet, jew, jekk iż-żewġ ġenituri jkunu mejta, mit-tutur jew mill-kuratur tagħhom:*
>
> *"Iżda wkoll tali sottomissjoni ma tistax issir wara li jgħaddu ħames (5) snin mill-bidu fis-seħħ talAtt tal-2020 li jemenda l-Kodiċi Ċivili u Diversi Liġijiet Oħra:*
>
> *"Iżda wkoll malli jirċievi tali formula, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandu jniżżel annotazzjoni ta' dik id-dikjarazzjoni f'dawk l-atti tal-istat ċivili fejn jidhru dawk it-tfal.'*

9. Inoltre, permezz ta' dawk l-emendi riċenti żdied l-Artikolu 4A li jipprovdi li:

*'(2) It-tfal ta' konjuġi li kienu applikaw għall-pubblikazzjoni ta' tnidijiet qabel il-bidu fis-seħħ tal-Att tal-2017 li jemenda l-Att dwar iż-Żwieġ u Liġijiet oħrajn, u li jitwieldu wara l-bidu fis-seħħ tal-Att tal-2020 li jemenda l-Kodiċi Ċivili u Diversi Liġijiet Oħra, għandhom jieħdu l-kunjom ta' wieħed jew waħda mill-ġenituri, jew il-kunjom taż-żewġ ġenituri fl-ordni li jagħżlu huma:*

*"Iżda jekk tkun saret għażla mill-ġenituri permezz ta' dikjarazzjoni konġunta skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4(6), it-tfal għandhom jieħdu dak il-kunjom.'*

10. Isegwi minn dan li l-liġi llum tippermetti lir-rikorrenti jibdlu kunjom binhom kif mixtieq minnhom. Madanakollu r-rikorrenti jinsistu fuq l-allegat ksur ta' drittijiet fundamentali fil-perjodu <u>qabel</u> l-introduzzjoni tal-emendi fuq imsemmija meta kienu <u>biss</u> dawk il-persuni li żżewġu wara l-1 ta' Settembru, 2017 li setgħu jagħżlu, għalihom infushom (sakemm ma jagħżlux li jżommu kunjomhom) u għall-ulied kollha li jitwieldu minn dak iż-żwieġ, isem tal-familja minn bejn il-kunjom ta' xi wieħed minnhom jew il-kunjomijiet taż-żewġ partijiet fl-ordni li jridu huma. Peress li l-appellanti żżewġu qabel l-imsemmija data, binhom Henry kellu jassumi bilfors kunjom missieru u għalkemm warajh seta' jassumi kunjom xbubit ommu, ma kienx possibbli għalih jassumi kunjom ommu biss.

11. L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi kif ġej:

*'(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.*

*"(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor.'*

12. F'dan ir-rigward l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

*'Illi l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni jrid li kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu. Iżid jgħid, iżda, li m'għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skond il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-għemil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor;*

*"Illi biex indħil bħal dak ikun "skond il-liġi", jeħtieġ mhux biss li jsir taħt is-saħħa ta' xi liġi li tkun fis-seħħ, imma wkoll li t-twettiq ta' kull għemil ma jkunx jiddependi minn diskrezzjoni bla rażan jew użata b'mod li ħadd ma jista' jobsru. Biex miżura ta' ndħil tkun titqies bħala waħda "meħtieġa f'soċjetà demokratika", jrid jintwera li kienet waħda mnissla minn ħtieġa urġenti soċjali li tkun proporzjonali mal-għan mixtieq u prevedibbli fit-tħaddim tagħha biex tagħti ċ-"ċertezza" tad-dritt. F'dan il-waqt ta' min isemmi li l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni jitkellem dwar ir-"rispett" li l-Istat għandu juri għall-jeddijiet imsemmija f'dak l-artikolu. Dan tfisser bħala obbligazzjoni passiva fuq l-Istat biex ma jindaħalx bla bżonn jew b'mod eċċessiv f'dawk il-jeddijiet, bil-konsegwenza li mhux kull indħil huwa projbit sakemm ikun joqgħod mal-għanijiet maħsuba fl-artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni u jkun indħil magħmul b'mod proporzjonat ma' dawk l-għanijiet;*

*"Illi applikati dawn il-prinċipji għall-każ li għandha quddiemha, il-Qorti ma tarax li r-rikorrenti ġarrbu ksur tal-artikolu 8. Lil hinn mill-priniċipji li r-rikorrenti jħaddnu ta' dawk li huma l-valuri mfissra minnhom ta' l-ugwaljanza bejn raġel u mara, la l-missier u l-anqas l-omm ma kienu f'qagħda li juru li l-fatt li l-minuri għandu kunjom il-missier qiegħed jew ser joħloq tbatija, skomdu jew tħassib lil binhom. Għaldaqstant, meta l-Qorti tagħsar l-ilment tar-rikorrenti ssib li dak li fil-fatt jilmentaw minnu bħala indħil mill-Istat fil-ħajja privata tagħhom jissarraf, fl-aħħar mill-aħħar, fil-fatt li m'għandhomx il-jedd li jagħżlu huma l-ewwel kunjom għal binhom;*

*"...*

> *"Illi d-deċiżjoni ta' l-Istat li wild jingħata l-kunjom tal-missier kif imħaddna fid-dispożizzjoni tal-artikolu 4 tal-Kodiċi Ċivili tissarraf fil-fatt li fl-isfond soċjali li l-liġi tapplika għaliha, il-kunjom ta' persuna jagħti ċertezza fuq l-identità tagħha, u meta dan il-prinċipju jittieħed fil-qafas li r-rikorrenti naqsu li jġibu prova tat-tbatija li binhom qiegħed jew jista' jġarrab billi jżomm kunjom missieru, il-Qorti ma tarax li għandha tindaħal fil-politika li għażel l-Istat fil-qasam ta' drittijiet ċivili. Huwa sewwasew minħabba f'hekk li l-Qorti jidhrilha li f'din il-kawża ma tistax timxi mal-fehmiet li waslet għalihom il-Q.E.D.B. f'kawża li r-rikorrenti jsemmu u li jqisuha bħala identika għal dik tagħhom: tixbah, iva, imma identika le, għaliex is-sistema legali Malti, għall-kuntrarju ta' dak li kien jgħodd għall-kawża msemmija, jipprovdi espressament għall-għoti ta' kunjom il-wild fiż-żwieġ kemm bit-teħid ta' kunjom il-missier u kif ukoll dak ta' xbubit l-omm miżjud miegħu;*
>
> *"Illi l-Qorti tqis ukoll li l-kawża nfetħet mill-ġenituri u li minuri, minkejja li huwa rappreżentat minnhom, għadu f'età wisq żgħira biex isemma' leħnu dwar l-għażla tal-kunjom li jixtieq iġorr tul ħajtu kollha. Għaldaqstant, safejn it-talbiet tagħhom jinbnew fuq dan id-disposizzjoni tal-liġi, m'humiex mistħoqqa u ma jirriżultax li hemm ksur ta' dak il-jedd;'*

13. Huwa evidenti minn dan illi l-Qorti tal-ewwel grad ikkonsidrat l-ilment tar-rikorrenti f'isimhom proprju. Fil-fatt, jirriżulta li ċaħdet il-pretensjonijiet tagħhom abbażi tal-fatt li ma wrewx kif il-fatt waħdu li ma setgħux jagħtu l-kunjom waħdieni tal-omm lil binhom, ġab tbatija jew tfixkil żejjed fuq il-ħajja familjari tagħhom. Safejn jirrigwarda l-minuri, li huwa wkoll parti fil-kawża rappreżentat mill-ġenituri tiegħu, il-Qorti tal-ewwel grad żiedet imbagħad konsiderazzjoni fis-sens illi l-minuri għadu f'età wisq żgħira sabiex isemma' leħnu dwar l-għażla tal-kunjom li jixtieq iġorr tul ħajtu.

14. Tassew, imbilli l-appellanti jgħidu li hija x-xewqa tagħhom li binhom jieħu l-kunjom tal-omm bħala espressjoni tal-valuri tagħhom dwar l-

ugwaljanza bejn irġiel u nisa, ma jġibx b'daqshekk ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea.

15. Huwa minnu illi l-Qorti Ewropea stabbilit li kwistjonijiet li jikkonċernaw l-isem u l-kunjom ta' individwu jaqgħu taħt id-dritt għal ħajja privata.[3] F' każijiet ta' din ix-xorta ngħad illi:

> *'29. Although the object of Article 8 is essentially that of protecting the individual against arbitrary interference by the public authorities, it does not merely compel the State to abstain from such interference: in addition to this primarily negative undertaking, there may be positive obligations inherent in effective respect for private and family life. The boundaries between the State's positive and negative obligations under Article 8 do not lend themselves to precise definition. <u>The Court has held that not all regulation of names will necessarily constitute an interference. While it is true that an obligation to change one's name would be regarded as an interference, the refusal to allow an individual to adopt a new name cannot necessarily be considered an interference</u> (see Stjerna, cited above, pp. 60-61, § 38). The applicable principles are nonetheless similar. In particular, in both contexts regard must be had to the fair balance which has to be struck between the competing interests; and in both contexts the State enjoys a certain margin of appreciation (see, among other authorities, Evans v. the United Kingdom [GC], no. 6339/05, § 75, ECHR 2007-...)*
>
> *"...*
>
> *"35. With regard to the public interest, the Court has accepted that legal restrictions on changing one's name may be justified in the public interest; for example, in order to ensure accurate population registration or to safeguard the means of personal identification (see Stjerna, cited above, p. 61, § 39). Restrictions on the choice of forenames can also be justified in the interests of the child and society (see Salonen (dec.), cited above).*
>
> *"36. The Government argued that the objective pursued by the application of the Names Act was to protect a child from unsuitable names and, further, to maintain a distinctive naming practice in a small country like Finland. The Court accepts that due regard has to be given to the child's interests. The protection of the child from an unsuitable name (such as ridiculous or whimsical names) is in the public interest.*

[3] ***Mentzen v. Latvia*** (Application no. 71074/01); ***Henry Kismoun v. France*** (Application no 32265/10)

> *As to the aim of preserving a distinctive national naming practice, the Court has acknowledged that measures intended to protect a given language constitute a legitimate aim (see Mentzen (dec.), cited above). Therefore, the Court can accept that the preservation of national naming practice may be considered part and parcel of that aim and therefore in the public interest.'*[4] (enfasi tal-Qorti)

16. Fis-sentenza ta' ***Stjerna v. Finland***[5], li hemm referenza għalih fis-sentenza appellata ġie mtenni l-istess prinċipju. Jingħad ukoll illi:

> *'39. In this connection it is to be noted that in a number of Contracting States a request to change one's name must be supported by convincing or specific reasons whereas in other States any reasons may be invoked (see paragraph 29 above) and in one State there are in principle no restrictions (see paragraph 30 above). There is little common ground between the domestic systems of the Convention countries as to the conditions on which a change of name may be legally effected. The Court deduces that in the particular sphere under consideration the Contracting States enjoy a wide margin of appreciation. The Court's task is not to substitute itself for the competent Finnish authorities in determining the most appropriate policy for regulating changes of surnames in Finland, but rather to review under the Convention the decisions that those authorities have taken in the exercise of their power of appreciation'*

17. Minkejja l-applikabilita` tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni għall-kawżi ta' din ix-xorta, mhux ir-regolamentazzjoni kollha tal-ismijiet u kunjomijiet neċessarjament tikkostitwixxi interferenza mill-Istat tad-drittjiet taċ-ċittadini protetta taħt l-Artikolu 8(1). Jekk ma tirriżultax interferenza bi ksur ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 8(1), ma tassumi l-ebda rilevanza l-analiżi tal-eċċezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 8(2).

---

[4] ***Johannsson v. Finland*** (Application no. 10163/02).
[5] Application Number 18131/91.

18. Fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, ma jirriżultax li bl-applikazzjoni tal-liġi *in vigore* fiż-żmien relattiv għall-ilment in kwistjoni ġiet b'xi mod imkasbra l-ħajja privata tar-rikorrenti *pro et noe* sempliċement għaliex il-minuri Henry ma tħalliex jieħu biss kunjom ommu, ossija Felice Sant Cassia, minflok Ciantar, kunjom missieru. Il-fatt li sussegwentement l-istess liġi ġiet emendata u llum tippermetti lir-rikorrenti jagħżlu li wliedhom jieħdu biss kunjom l-omm, ma jissarrafx f'xi konferma li l-liġi fis-seħħ qabel l-imsemmija emendi kienet tikkostitwixxi ndħil bi ksur tad-dritt għall-ħajja privata u familjari tal-appellanti.

19. Għalhekk l-aggravju dwar l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea meħud waħdu hu miċħud.

20. Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> l-appellanti jilmentaw minn dik il-parti tas-sentenza appellata li ċaħdet it-talbiet tagħhom in kwantu jirreferu għall-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

21. F' dan ir-rigward l-ewwel Qorti qalet:

> *'... Ir-rikorrenti jixlu lill-intimati li bil-bidla li ddaħħlet permezz tal-Att XXIII tal-2017, inħolqot diskriminazzjoni kontra tagħhom abbażi ta' sess: filwaqt li koppji li jżżewġu wara d-dħul tal-bidliet li ddaħħlu fl-artikolu 4 tal-Kodiċi Ċivili (jiġifieri 1 ta' Settembru, 2017) jistgħu jagħżlu l-'isem tal-familja', dawk il-koppji li jżżewġu qabel id-dħul tal-istess bidliet (bħalma huma r-rikorrenti), ma ngħatatilhomx din l-għażla;*
>
> *"Illi l-intimati jilqgħu għal dan l-ilment fuq żewġ binarji: fl-ewwel lok, meta wieħed iqabbel il-qagħda tar-rikorrenti ma' koppji oħra wkoll miżżewġa qabel l-1 ta' Settembru, 1997, ma tirriżultax diskriminazzjoni għaliex il-*

*liġi li wild miż-żwieġ jingħata kunjom il-missier tolqot bl-istess mod lil kull żwieġ li seħħ qabel dik id-data; fit-tieni lok, il-fatt li bidla li seħħet f'liġi ma ngħatatx effett retroattiv fiha nnifisha ma toħloqx diskriminazzjoni, dement li jkun hemm ġustifikazzjoni;*

*"...*

*"... l-ilment tar-rikorrenti dwar imġiba diskriminatorja fil-konfront tagħhom m'huwiex imsejjes u pruvat. Jibda biex jingħad li ma ġiex ippruvat mir-rikorrenti li kien hemm ulied ta' żwiġijiet li seħħew qabel l-1 ta' Settembru, 2017, li ngħataw kunjom li mhux tal-missier. Il-Qorti tqis ukoll li tkun arbitrarju jekk tilqa' l-argument tar-rikorrenti li l-fatt li l-liġi li tirregola l-kunjom tal-wild fi żwieġ inbidlet, fiha nnfisiha tfisser li l-liġi qabel ma ddaħħlu l-emendi kienet ħażina. Fil-fatt, filwaqt li l-artikolu 4(3) ma nbidilx u baqa' jgħodd għal żwiġijiet li seħħew qabel l-1 ta' Settembru, 2017, dak li wassal lill-Istat biex idaħħal 'regime' ġdid dwar l-għażliet li kopji fiż-żwieġ setgħu jagħtu lill-isem tal-familja kien maħsub biex jindirizza ħtiġijiet u żviluppi li rriżultaw f'dawn laħħar żminijiet fis-soċjetà Maltija;*

*"Illi l-Qorti tqis li d-deċiżjoni u għaldaqstant il-politika li ħaddan li Stat li ma jestendix it-tibdiliet li ġab miegħu l-Att XXIII tal-2017 għal żwiġijiet li seħħew qabel l-1 ta' Settembru, 2017, kienet waħda meqjusa. Għalkemm jidher li liġi tista' tingħata effett retroattiv, fil-każ li għandha quddiemha, lill-Qorti ma jirriżultalhiex "an overriding reason in the public interest" biex l-iStat kellu jagħmel dan. Kif sewwa argumentaw l-intimati, ma ntweriex li l-fatt li l-liġi ddaħħlet bla tħaddim retrospettiv kien, fih innifsu, raġuni li taħlaq diskriminazzjoni. Bosta drabi, il-ħtieġa li t-tħaddim ta' liġi ġdida jew tibdil fiha tibda tgħodd b'seħħ minn data partikolari u mhux b'lura hija r-riżultat inevitabbli tad-dħul ta' sistemi ġodda biex jibdlu jew jaġġornaw dawk qodma jew li jitolbu li ma jitħarbatx dak li kien inħalaq u kien aċċettat taħt is-sistema mibdul jew li jilħaq jindara dak li ddaħħal ġdid;*

*"Illi l-Qorti tifhem li jistgħu jkun hemm persuni, bħar-rikorrenti, li xtaqu li huma wkoll ikunu milquta bil-bidla, iżda dan ma jissarrafx f'argument b'saħħtu biżżejjed li jista' jitqies bħala aġir diskriminatorju min-naħa tal-intimati;*

*"Illi dan iwassal lill-Qorti biex tqis li t-talba tar-rikorrenti għal sejbien ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali tagħhom taħt l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni ma tirriżultax mistħoqqa, u għalhekk mhijiex se tintlaqa'*

22. L-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi s-segwenti:

*'It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni*

> *bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon,opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status ieħor.*

23. L-appellanti m'għandhomx raġun jgħidu li '*l-ewwel Qorti setgħat faċilment tiddisponi mit-talba tal-appellanti billi tiddikjara li stante li ma sabitx ksur tal-Artikolu 8 ... ma jistax jirriżulta ksur tal-artiklu 14'.* Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tgħallem illi:

> *'84. Article 14 only complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence since it has effect solely in relation to "the enjoyment of the rights and freedoms" safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not presuppose a breach of those provisions – and to that extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter.'*[6]

24. Għalhekk, filwaqt illi l-Artikolu 14 huwa marbut mat-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-Konvenzjoni, l-applikazzjoni tiegħu ma tirrikjedix neċessarjament sejbien ta' ksur taħt xi artikolu ieħor tal-Konvenzjoni. Fil-fatt, fis-sentenza li ssemmiet iktar 'il fuq, il-Qorti Ewropea sabet ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni minkejja li ma nstabx ksur tal-Artikolu 8.

25. Kif ġie mfisser fil-każ ***Wessels-Bergervoet v. the Netherlands***[7] deċiż mill-Qorti Ewropea fl-4 ta' Settembru, 2002:

> *' ... the right under Article 14 not to be discriminated against in the enjoyment of the rights guaranteed under the Convention is violated*

[6] ***Sommerfeld v. Germany*** (Application no. 31871/96).
[7] Application no. 34462/97.

> *when States treat differently persons in analogous situations without providing an objective and reasonable justification (see Thlimmenos, cited above, § 44).*

26. Qabel l-emendi introdotti bl-Att LXV tal-2020, l-Artikolu 4(3) tal-Kodiċi Ċivili kien jipprovdi illi bħala regola ġenerali:

> *'Ulied iż-żwieġ jieħdu kunjom missierhom, li warajh jistgħu jiżdiedu, skont l-artikolu 292A, kunjom xbubit ommhom jew kunjom żewġha li jkun miet qabilha'*

27. Is-subartikoli (13) sa (17), introdotti bl-Att XXIII tal-2017, kienu mbagħad jipprovdu illi l-persuni li żżewġu wara l-1 ta' Settembru, 2017, ossija wara d-dħul fis-seħħ tal-istess Att, setgħu jagħżlu isem tal-familja bejn il-kunjom ta' xi wieħed mill-partijiet jew il-kunjomijiet taż-żewġ partijiet, fl-ordni li jridu huma, għalihom infushom (sakemm ma jagħżlux li jżommu kunjomhom) kif ukoll għall-ulied kollha li jitwieldu minn dak iż-żwieġ.

28. Peress li r-rikorrenti kienu żżewġu qabel l-1 ta' Settembru 2017, ma setgħux jipprevalu ruħhom mis-subartikoli (13) sa (17) tal-Artikolu 4 tal-Kodiċi Ċivili u għalhekk ġiet applikata fil-konfront tagħhom ir-regola ġenerali stabbilita fis-subinċiż (3) tal-istess artikolu. Iżda b'daqshekk ma jfissirx illi l-Istat iddiskrimina l-persuni li żżewġu qabel l-1 ta' Settembru 2017, kif allegat mill-appellanti.

29. Kif ingħad fis-sentenza ***Enrietta Bianchi et v. L-Avukat Ġenerali et***, deċiża minn din il-Qorti diversament komposta fl-24 ta' Ġunju 2011:

> *'... jkun hemm diskriminazzjoni meta jigu trattati diversament, minghajr gustifikazzjoni oggettiva u ragjonevoli, persuni f'sitwazzjonijiet simili ... Il-fatt li persuni ohra li t-trasferimenti taghhom saru fi zmien qabel jew wara tal-appellanti setghu gew avvantaggjati mir-regime fiskali differenti applikabbli ghal dawk it-trasferimenti ma hux bizzejjed biex wiehed jikkonkludi li kien hemm diskriminazzjoni fil-konfront tal-appellanti li ghalihom kien japplika regime fiskali differenti fi zmien differenti ghaliex f'dawk ic-cirkostanzi ma jistax jinghad li l-appellanti kienu f'sitwazzjoni analoga ghal dik tal persuni l-ohra.'*

30. L-istess prinċipju ġie applikat fil-każ ***John Fitz v. L-Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tal-4 ta' Marzu 2011:

> *'F'dan il-kaz, ukoll, ir-rikorrenti ma uriex li hu gie trattat b'mod differenti minn ohrajn f'sitwazzjoni analoga. Fissazzjoni ta' data minn meta jibdew japplikaw certi regoli fiskali, sakemm japplikaw "across the board" huma necessarji'*

31. Ukoll, fis-sentenza fl-ismijiet ***Amato Gauci v. Malta*** mogħtija mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-15 ta' Settembru 2009 jingħad:

> *'71. In any case, the Court reiterates that no discrimination is disclosed by a particular date being chosen for the commencement of a new legislative regime (see, mutatis mutandis, Massey v. the United Kingdom, (dec.) no. 14399/02, 8 April 2003), and that differential treatment arising out of a legislative change is not discriminatory where it has a reasonable and objective justification in the interests of the good administration of justice (see, mutatis mutandis, Stacey v. the United Kingdom (dec.), no. 16576/90, 3 December 1990). The use of a cut-off date creating a difference in treatment is an inevitable consequence of introducing new systems which replace previous and outdated schemes. Moreover, the choice of such a cut-off date when introducing new regimes falls within the wide margin of appreciation afforded to a*

> *State when reforming its policies (see, mutatis mutandis, Twizell v. the United Kingdom, no. 25379/02, § 24, 20 May 2008).'*

32. Kif jirriżulta mix-xhieda ta' Dr. Desiree Attard,[8] l-Att XXIII tal-2017 ma ngħatax applikazzjoni retrospettiva għaliex kien hemm tħassib li dan seta' joħloq inċertezza legali u jikkrea wkoll konfużjoni mill-aspett soċjali, speċjalment għal dak li jirrigwarda tfal żgħar. Verament li llum il-liġi nbidlet u tali restrizzjoni tneħħiet, pero` din il-Qorti tqis li fiż-żmien li saru, dawn il-preokkupazzjonijiet kienu leġittimi.

33. L-appellanti jisħqu dwar il-fatt li f'kull każ binhom twieled wara li daħal fis-seħħ l-Att XXIII tal-2017, u għalhekk jikkontendu li aktar u aktar ma kellux jiġi eskluż mill-applikazzjoni tiegħu. Madanakollu din il-Qorti tifhem li l-Att XXIII tal-2017 ingħata applikazzjoni biss għal dawk iż-żwiġijiet iċċelebrati wara d-dħul fis-seħħ tal-istess, u mhux it-tfal imwielda wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, sabiex f'każijiet ta' koppji li diġa` kellhom it-tfal, it-tfal mwielda wara d-dħul fis-seħħ tal-Att XXIII tal-2017 u dawk imwielda qabel id-dħul tiegħu jkollhom kollha l-istess kunjom.

34. Għalhekk, safejn il-paragun isir bejn dawk iż-żwiġijiet ċelebrati qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XXIII tal-2017, u dawk ċelebrati wara d-dħul fis-seħħ tal-istess Att, l-allegata diskriminazzjoni ma treġix. Dan apparti li m'hemmx provi li fiż-żmien rilevanti r-rikorrenti riedu li l-kunjom tal-mara

[8] Fol. 39 *et seq*.

(Felice Sant Cassia) ikun il-kunjom tal-familja. Il-provi juru li r-rikorrenti sempliċement riedu li t-tifel ikollu kunjom ommu u mhux dak ta' missieru. Bl-emendi introdotti bl-Att XXIII tal-2017 l-ulied jieħdu l-Isem tal-Familja (art. 4(16) tal-Kodiċi Ċivili).

35. Iżda l-ilment tar-rikorrenti ma jieqafx hemm. Huma jargumentaw wkoll li l-liġi kif kienet fis-seħħ meta' twieled binhom sakemm daħlu fis-seħħ l-emendi tal-2020, kienet diskriminatorja bejn is-sessi. Fil-fatt dan hu l-ilment prinċipali fir-rikors promotur fejn ilmentaw li l-fatt li l-liġi ma kinitx tippermettilhom li t-tifel jagħtuh kunjom l-omm, fih innifsu jwassal għal diskriminazzjoni minħabba trattament mhux ugwali bejn is-sessi. Ilment li ma jirriżultax li ġie kkonsidrat fis-sentenza tal-ewwel Qorti.

36. Kif osservat il-Qorti Ewropea fis-sentenza **Unal Tekeli v. Turkey** (29865/96) tas-16 ta' Novembru 2004:

> *"51........ the notion of discrimination includes in general cases where a person or group is treated, without proper justification, less favourably than another, even though the more favourable treatment is not called for by the Convention (see Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. the United Kingdom, judgment of 28 May 1985, Series A no. 94, § 82). Article 14 does not prohibit distinctions in treatment which are founded on an objective assessment of essentially different factual circumstances and which, being based on the public interest, strike a fair balance between the protection of the interests of the community and respect for the rights and freedoms safeguarded by the Convention (see, among other authorities, G.M.B. and K.M. v. Switzerland (dec.), no. 36797/97, 27 September 2001).*
>
> *"52.The Contracting States enjoy a certain margin of appreciation in assessing whether and to what extent differences in otherwise similar situations justify a different treatment in law. The scope of the margin of appreciation will vary according to the circumstances, the subject-*

*matter and its background (see Rasmussen v. Denmark, judgment of 28 November 1984, Series A no. 87, § 40, and Inze v. Austria, judgment of 28 October 1987, Series A no. 126, § 41).*

*"53.However, <u>very weighty reasons have to be put forward before a difference of treatment based on the ground of sex alone can be regarded as compatible with the Convention</u> (see Schuler-Zgraggen v. Switzerland, judgment of 24 June 1993, Series A no. 263, § 67)".*

37. Dak il-każ kien jitratta n-nuqqas ta' dritt tal-mara li meta tiżżewweġ iżżomm kunjom xbubitha. Fis-sentenza hemm rassenja interessanti dwar il-liġi internazzjonali dwar diskriminazzjoni bażata fuq differenza ta' sess għal dak li jirrigwarda l-għażla tal-isem tal-familja u l-għoti ta' kunjom tal-ġenituri lit-tfal (ara paragrafi 17 sa 30 tas-sentenza). Il-Qorti Ewropea kompliet:

*"64.In this context it should be recalled that while family unity can be reflected by choosing the husband's surname as the family name, it can be reflected just as well by choosing the wife's surname or a joint name chosen by the couple (see Burghartz, cited above, § 28).*

*"65.The second question that the Court is asked to address is whether family unity has to be reflected by a joint family name and whether, in the event of disagreement between the married partners, one partner's surname can be imposed on the other.*

*"66.The Court observes in this regard that, according to the practice of the Contracting States, it is perfectly conceivable that family unity will be preserved and consolidated where a married couple chooses not to bear a joint family name. Observation of the systems applicable in Europe supports this finding. The Government have not shown in the present case that concrete or substantial hardship for married partners and/or third parties or detriment to the public interest would be likely to flow from the lack of reflection of family unity through a joint family name. In these circumstances the Court considers that the obligation on married women, in the name of family unity, to bear their husband's surname – even if they can put their maiden name in front of it – has no objective and reasonable justification.*

*"67.The Court does not underestimate the important repercussions which a change in the system, involving a transition from the traditional system of family name based on the husband's surname to other*

*systems allowing the married partners either to keep their own surname or freely choose a joint family name, will inevitably have for keeping registers of births, marriages and deaths. However, it considers that society may reasonably be expected to tolerate a certain inconvenience to enable individuals to live in dignity and worth in accordance with the name they have chosen (see, mutatis mutandis, Christine Goodwin v. the United Kingdom [GC], no. 28957/95, § 91, ECHR 2002-VI).*

*"68.Consequently, the objective of reflecting family unity through a joint family name cannot provide a justification for the gender-based difference in treatment complained of in the instant case"*.

38. Raġunament li daqstant ieħor japplika għall-każ fejn il-ġenituri jkunu jridu jagħżlu li t-tfal jiġu reġistrati b'kunjom il-mara. Qabel l-emenda tal-2020 ir-rikorrenti ma kellhomx għażla għaliex fil-każ tagħhom il-liġi kienet tikkontempla li jkollhom jirreġistraw lit-tifel b'kunjom ir-raġel.

39. Imbagħad fir-rikors tal-appell ir-rikorrenti għamlu referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet ***Cusan e Fazzo v. Italia*** deċiża fis-7 ta' Jannar 2014. Każ li wkoll kien dwar in-nuqqas ta' possibilita` li l-mara, bil-kunsens ta' żewġha, tirreġistra lill-wild b'kunjomha. Rilevanti dan l-estratt:

*'63. Alla luce di quanto precede, la Corte è del parere che, nell'ambito della determinazione del cognome da attribuire al «figlio legittimo», persone che si trovavano in situazioni simili, vale a dire il ricorrente e la ricorrente, rispettivamente padre e madre del bambino, siano stati trattati in maniera diversa. Infatti, a differenza del padre, la madre non ha potuto ottenere l'attribuzione del suo cognome al neonato, e ciò nonostante il consenso del coniuge.*

*"64. La Corte rammenta che, se una politica o una misura generale ha effetti pregiudizievoli sproporzionati su un gruppo di persone, non si può escludere che essa possa essere considerata discriminatoria anche se non prende di mira specificamente quel gruppo (McShane c. Regno Unito, n. 43290/98, § 135, 28 maggio 2002). Inoltre, soltanto considerazioni fortissime possono indurre la Corte a ritenere*

*compatibile con la Convenzione una disparità di trattamento fondata esclusivamente sul sesso (Willis, sopra citata, § 39; Schuler-Zgraggen c. Svizzera, 24 giugno 1993, § 67, serie A n. 263; e Losonci Rose e Rose, sopra citata, § 80).*

*"...*

*"66. In tutte queste cause, la Corte ha concluso per la violazione dell'articolo 14 della Convenzione, in combinato disposto con l'articolo 8. <u>In particolare, essa ha ricordato l'importanza di un'evoluzione nel senso dell'eguaglianza dei sessi e dell'eliminazione di ogni discriminazione fondata sul sesso nella scelta del cognome</u>. Essa ha inoltre ritenuto che la tradizione di manifestare l'unità della famiglia attraverso l'attribuzione a tutti i suoi membri del cognome del marito non potesse giustificare una discriminazione nei confronti delle donne (si veda, in particolare, Ünal Tekeli, sopra citata, §§ 64-65).*

*"67. La Corte non può che giungere a conclusioni analoghe nella presente causa, in cui la determinazione del cognome dei «figli legittimi» è stata fatta unicamente sulla base di una discriminazione fondata sul sesso dei genitori. La regola in questione vuole infatti che il cognome attribuito sia, senza eccezioni, quello del padre, nonostante la diversa volontà comune ai coniugi. Del resto, la stessa Corte costituzionale italiana ha riconosciuto che il sistema in vigore deriva da una concezione patriarcale della famiglia e della potestà maritale, che non è più compatibile con il principio costituzionale dell'eguaglianza tra uomo e donna (paragrafo 17 supra). La Corte di cassazione lo ha confermato (paragrafo 20 supra). La regola secondo la quale il cognome del marito è attribuito ai «figli legittimi» può rivelarsi necessaria in pratica e non è necessariamente in contrasto con la Convenzione (si veda, mutatis mutandis, Losonci Rose e Rose, sopra citata, § 49), <u>tuttavia l'impossibilità di derogarvi al momento dell'iscrizione dei neonati nei registri di stato civile è eccessivamente rigida e discriminatoria nei confronti delle donne.</u>'*

40. Hekk ukoll fil-każ in eżami meta twieled iben ir-rikorrenti fis-sena 2018, il-liġi Maltija kienet għadha teżiġi li l-ulied ta' żwieġ ċelebrat qabel l-1 ta' Settembru 2017 riedu bilfors jieħdu kunjom missierhom. Kif diġa` ngħad, għalkemm warajh seta' jiżdied il-kunjom xbubit ommhom, ma kienx possibbli li <u>bi qbil il-ġenituri</u> dak il-kunjom jingħata lill-ulied bl-esklużjoni tal-kunjom tal-missier. Hi dik l-impossibilita` li l-Qorti Ewropea kkonkludiet hi eċċessivament riġida u diskriminatorja fil-konfront tan-nies.

Għalhekk din il-materja diġa` ġiet deċiża mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Kien biss bl-Att LXV tal-2020 li l-leġislatur irrimedja għal dan in-nuqqas fil-liġi ordinarja Maltija.

41. F'dan is-sens għalhekk, il-Qorti ssib ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni meta abbinat mal-Artikolu 8 tal-istess.

42. Għalhekk, dan l-aggravju qiegħed jintlaqa'.

43. Wara d-dħul fis-seħħ tal-Att LXV tal-2020 u dak li ddikjarat id-difensur tar-rikorrenti, m'għadx hemm lok li jingħata xi rimedju.

Għaldaqstant għar-raġunijiet mogħtija l-Qorti tilqa' parzjalment l-appell tar-rikorrenti sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq u:

i. Tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata li ddikjarat li ma ntweriex li l-Artikolu 4 tal-Kodiċi Ċivili kif applikabbli fiż-żmien rilevanti kien inkonsistenti mal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti taħt l-Artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea. Għalhekk tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrenti limitatament fis-sens illi l-Artikolu 4 tal-Kodiċi Ċivili kif kien fiż-żmien li twieled iben ir-rikorrenti kien jikser il-jedd fundamentali tar-rikorrenti taħt l-Artikoli 14 tal-Konvenzjoni Ewropea abbinat mal-Artikolu 8 għaliex kien joħloq diskriminazzjoni bejn is-sessi;

ii. Tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti in kwantu ċaħdet l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti fir-rigward tal-kumplament;

iii. Tiddikjara li in vista tal-emendi li saru bl-Att LXV tal-2020, m'hemmx ħtieġa li jingħata xi rimedju ulterjuri.

Spejjeż taż-żewġ istanzi jinqasmu in kwantu għal tlett kwarti (¾) a karigu tal-appellati u kwart (¼) tal-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm